

Brussell, 25 ta' Settembru 2023  
(OR. en)

12752/23

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0304 (NLE)

---

PECHE 336

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett:                   REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond

---

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2023/...**

**ta'...**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194<sup>1</sup> jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2023/194 jistabbilixxi qabda totali permissibbli (TAC) proviżorja għall-inċova fis-subżoni 9 u 10 tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) u fid-diviżjoni 34.1.1 tal-ilmijiet tal-Unjoni tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (CECAF) għall-perjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2023, sakemm jinħareġ il-parir xjentifiku tal-ICES għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024, u jippermetti li s-sajd għal dak l-istokk ikompli. Wara l-pubblikazzjoni tal-parir tal-ICES fil-21 ta' Ġunju 2023, jenħtieġ li t-TAC definittiva għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024 tiġi stabbilita fil-livell ta' 20 555 tunnellata, f'konformità ma' dak il-parir.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2023/194 jiġi emendat skont dan.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1).

- (4) Minħabba l-urġenza biex tiġi evitata kwalunkwe interruzzjoni fl-attivitajiet tas-sajd, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (5) It-TAC għall-inċova fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 34.1.1 tas-CECAF jenħtieġ li tapplika mill-1 ta' Lulju 2023. Tali applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipji taċ-ċertezza legali u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, billi l-opportunitajiet tas-sajd inkwistjoni jiżdiedu bl-emenda

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

*Emenda għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194*

L-Anness IA tar-Regolament (UE) 2023/194 huwa emendat f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

*Dħul fis-seħħ u applikazzjoni*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

## ANNEX

Fil-Parti A tal-Anness IA għar-Regolament (UE) 2023/194 it-tieni tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

“

Speċi:	Inċova <i>Engraulis encrasicolus</i>	Żona:	9 u 10; L-ilmijiet tal-Unjoni ta' CECAF 34.1.1 (ANE/9/3411)
Spanja	9 831	(1)	TAC analitika
Il-Portugall	10 724	(1)	
L-Unjoni	20 555	(1)	
TAC	20 555	(1)	
(1)	Din il-kwota tista' tinqabad biss mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024.		

”